**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 237/2021JPG**

**Kawza Numru : 7**

**YP**

**vs**

**CG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' YP, datat 10 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettiet is-segwenti:

*Illi r-rikorrenti kienet izzewwget lil CG nhar id-19 ta' Dicembru 2010 (Dok A);*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippublikat fl-atti ta' Nutar Dr Anthony Abela datat 20 ta' Dicembru 2014 u ilhom jghixu separati minn xulxin minn Awwissu tas-sena 2014 (Dok B) u qatt ma regghu rrikonciljaw;*

*Illi miz-zwieg hawn fuq imsemmi ma twieldux tfal;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett tagonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Art 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*a) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
*b) tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CG (Vide Fol 20) fejn ippremetta is-segwenti:

*Illi l-esponenti qieghed jaghti ruhhu notifikat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*

*Illi l-esponenti jirrileva li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;*

*Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela data ghoxrin (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponenti jitlob lil dina Onorabbli Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta dawna l-proceduri.*

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Fol 28) fejn il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi xi jressqu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**YP xehdet** (fol 25) li l-kontendenti zzewwgu nhar id-19 ta' Dicembru 2010 u sseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-20 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Tikkonferma li ma hemm l-ebda prospett ghal rikoncilazzjoni bejniethom u li ilhom jghixu hajja separata minn xulxin mid-data tas-separazzjoni.

**CG xehed** (Fol 22) u kkorrobora ma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Dicembru 2010, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2328/2010 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-20 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (vide Dok B, a fol

4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu’, ma jirrizultax li hemm arretrati ta’ manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2328/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**